MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 589/2002

**Avviz numru 589/02 DM**

**Bonnici Edwards & Company Limited**

**Vs**

**John u Carmen konjugi Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat'elef u erba' mitt lira Maltin (Lm4,400) rapprezentanti l-import ta' tnejn u ghoxrin (22) kambjala mahruga mis-socjeta' attrici u debitament accettati u ffirmati mill-konvenuti, liema kambjali llkoll skadew u ghalhekk huma llkoll dovuti u li qeghdin jigu annessi ma' l-Avviz u mmarkati bhala dokumenti ittri 'A' sa 'V', bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-

mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, kollox kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi :
1. Huma ghamlu diversi hlasijiet lis-socjeta' attrici u sa fejn jafu huma m'ghandhomx jaghtuha flus.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal ta' l-25 ta' Gunju, 2003, fejn il-partijiet qablu li din il-kawza tinstemgha mal-kawza fl-ismijiet Bonnici Edwards and Company Limited kontra John Fenech et, numru 588/02 u ghamlu riferenza ukoll ghall-provi hemm migbura ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' Osservazzjonijiet tal-kontendenti ;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenuti qeghdin jikkontestaw it-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta' erba' t elef u erba' mitt lira Maltin (LM4,400), import tal-kambjali esebiti, billi jallegaw li l-import ta' dawn il-kambjalijiet mhux dovut ghaliex fil-maggior parti jinsab imhallas.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi, oltre dawn il-kambjalijiet, il-konvenuti kienu debituri tal-kumpanija attrici f' ammonti ohrajn, rapprezentanti prezz ta' gwies u makkinarju illi huma kienu xtraw minghand il-kumpanija attrici. Infatti, Henry Bonnici, rapprezentant tal-kumpanija attrici esebixxa zewg rendikonti, wiehed li jirreferi ghall-bejgh u konsenja ta' gwies u makkinarju lil konvenuti u l' iehor li jirreferi ghall-import tal-kambjali li dwarhom qed issir din il-kawza.

Jirrizulta ukoll illi il-kontendenti jaqblu illi l-pagamenti illi ghamlu l-konvenuti huma esklussivament dawk illi huma indikati fir-rendikont dokument HB 1 u li huma dawn:- elf lira Maltin (LM1,000) fil-25 ta’ Mejju 1998, elf lira Maltin (LM1,000) fl-24 ta’ Marzu, 1999, elf lira Maltin (LM1,000) fid-29 ta’ Dicembru, 1999, elf lira Maltin (LM1,000) fid-31 ta’ Mejju, 2001, elf lira Maltin (LM1,000), fit-12 t’ Ottubru, 2001, elf lira Maltin (LM1,000) fis-17 ta’ Novembru, 2001, hames mitt lira Maltin (LM500) fil-5 t’ April, 2002, mitejn lira Maltin (LM200) fil-31 ta’ Mejju, 2002, u mitejn lira Maltin (LM200) fil-31 ta’ Lulju, 2002, total ta’ hames’ t elef u disa’ mitt lira Maltin (LM6,900).

Billi l-kumpanija attrici kienet dejjem minghajr ebda opposizzjoni da parti tal-konvenuti takkredita dawn il-pagamenti akkont ghall-prezz dovut fuq il-bejgh ta’ makkinarju u gwies li xtraw il-konvenuti, biex il-konvenuti jistghu jippruvaw illi sar xi pagament akkont ta’ l-import tal-kambjalijiet li fuqhom qed issir il-kawza, iridu jippruvaw illi ghamlu pagamenti akkont lil kumpanija attrici f’ ammont iktar minn dak li kien dovut bhala prezz ta’ bejgh ta’ gwies u makkinarju. B’ hekk, jekk jirrizulta xi bilanc favur il-konvenuti, dan jigi akkreditat lill-kambjalijiet.

Pero’ kif jirrizulta mill-provi prodotti u kif il-Qorti digia iddecidiet fil-kawza fl-istess ismijiet (avviz numru 588/2002) deciza illum stess, il-pagamenti akkont illi ghamlu l-konvenuti lanqas ma’ kienu wahedhom sufficjenti biex ikopru d-debitu taghhom ghall-prezzijiet ta’ gwies u makkinarju illi kienu xtraw minghand il-kumpanija attrici.

Ghaldaqstant, jirrizulta illi l-konvenuti m’ ghamlu ebda pagament illi seta’ jinghad illi huwa akkont tal-kambjalijiet in kwistjoni, u ghaldaqstant qeghdha tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti f’ dan ir-rigward u konsegwentement tilqa’ t-talba attrici u ghar-ragunijiet premessi fl-avviz tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ erba’ t elef u erba’ mitt lira Maltin (LM4,400) mitluba mill-atturi, bl-imghax b’ effett mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------